# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.7

**Kap 9: Agħti u Jingħatalek**

**Lezzjoni 9.7: Inkunu ta' Servizz Għal Xulxin**

**L-Għanijiet:**



**F'din il-lezzjoni l-istudenti:**

1. Japprezzaw il-fatt li l-istess Spirtu s-Santu wkoll fil-Knisja llum.
2. Jifhmu kif jistgħu jkun għodda sabiex dan l-Ispirtu s-Santu jkompli jaħdem fid-dinja.
3. Isiru midħla tat-talba ta' San Franġisk.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Photostory: It-Talba ta' San Franġisk;
- Video clip bil-kanzunetta "Make Me a Channel of Your Peace";
- Karta ta' taħriġ 9.5.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tfakkar f'dak li jkun intqal f'Attività C f'Lezzjoni 6. Permezz ta' din id-diskussjoni l-istudenti jaqsmu flimkien l-ideat tagħhom ta' kif huma jistgħu jopraw bil-paċenzja billi iħallu lill-Ispirtu s-Santu jaħdem permezz tagħhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-Lezzjoni)**



- *Spjega:*

✓ *Fil-lezzjoni li għaddiet u permezz diskussjoni li għadna kif għamilna rajna kif l-Ispirtu s-Santu kien jaħdem fl-ewwel Insara u kif jista' wkoll jaħdem fina permezz ta' doni/rigali li huwa tana meta niżel fina fil-magħmudija. Dawn id-doni nsejħulhom ukoll il-frott tal-ispirtu.*

✓ *Illum ser inkomplu naraw kif fil-ħajja tagħna nistgħu nħallu l-Ispirtu s-Santu jgħinna nkunu ta' servizz għal xulxin. Dan ser nagħmluh billi nitgħallmu u niddiskutu t-talba ta' San Franġisk t'Assisi "Mulej agħmlini strument tal-paċi tiegħek".*

✓ *Se naraw Photo Story bit-talba ta' San Franġisk. Fiha San Franġisk jitlob lil Alla biex jużah ħalli jkun ta' servizz għal ħaddieħor u hekk iġib il-paċi u l-imħabba kull fejn ikun. Wara se jkollna attivitajiet dwar dak li nkunu smajna u rajna flimkien.*

- Uri l-*Photostory* lill-istudenti. Staqsi lill-istudenti jgħidulek x'laqathom l-aktar f'din it-talba ta' San Franġisk u x'inhuma l-ewwel ħsibijiet tagħhom. Jekk trid erġa' uri l-Photostory sabiex tikkonsolida dak li jkun intqal kif ukoll biex l-istudenti jitgħallmu t-talba aktar.
- Spjega kif waħda mill-frott tal-ispirtu huwa s-servizz li aħna nagħti lill-oħrajn.
- Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.5. Aqra s-silta mogħtija. U spjega dan is-servizz. Fakkar l-eżempju kbir li għandna permezz tal-Madonna li wriet tant servizz.
- Aqra s-silta mogħtija dwar il-Madonna u fuq wara li taqsam il-klassi fi gruppi stieden lill-istudenti sabiex jaħdmu Attivita A u B. **Attività A: Risposti**: Iva- Iva- le- iva- kif għandna naqdu- li hemm it-tbatija fil-qadi-min jaqdi jkun iħobb tassew.
- **Aqra Attività C** u wara li taqra u tiddiskuti l-mistoqsijiet fakkar li meta tagħmel il-ġid, żgur li tħossok tajba ghax min jagħmel il-ġid iħoss il-ferħ u l-paċi.
- Agħlaq il-lezzjoni billi l-istudenti jisimgħu s-song: *Make me a channel of your peace.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Fil-Magħmudija l-Ispirtu s-Santu ġie fina bħalma ġie fl-ewwel Insara.
2. Permezz tar-rigali u tal-għajnuna li jagħtina aħna nistgħu nkunu ta' servizz għal xulxin.
3. F'waħda mit-talbiet tiegħu, San Franġisk t'Assisi jsemmi modi differenti kif aħna nistgħu inkunu ta' servizz fil-komunità tagħna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Kull meta tiġi l-okkażjoni biex jien inkun ta' għajnuna jew servizz għal ħaddieħor għandi naħtafha biex b'hekk inkun qed inħaddem fija r-rigali li tani l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- *Biex nagħlqu l-lezzjoni tal-lum ser naraw u nisimgħu il-kanzunetta "Make me a Channel of Your Peace" li hija t-talba ta' San Franġisk li tgħallimna llum.*



## Nitolbu

Illum bħala talba tal-għeluq inkantaw il- kanzunetta "Make me a Channel of Your Peace" (*Ara t-taqsima "Niċċelebraw Flimkien"*)

